# Għażla tajba mill-Irlanda għall-Unjoni Ewropea

## -Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi

**Neil CAMILLERI**
**neil.camilleri@media.link.com.mt**
9 t' Ottubru, 2009  17:37 CET

L-għażla li għadha kif għamlet l-Irlanda għandha tifsira kbira. Kienet għażla tajba għall-Irlanda, iżda għażla tajba wkoll għall-Ewropa u għal Malta. Waqt konferenza dwar il-vot tal-Irlandiżi dwar it-Trattat ta' Lisbona li kien organizzat mill-MEUSAC, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi faħħar dan il-pass u spjega t-tliet raġunijiet prinċipali għalfejn dan it-trattat hu tajjeb għal pajjiżna.

L-ewwel għaliex se jkollna sitt siġġijiet flok ħamsa fil-Parlament Ewropew, it-tieni għax se jingħata rwol ferm akbar lill-Parlamenti Nazzjonali biex deċiżjoni li ssir fuq livell Ewropew tittieħed aktar viċin l-individwu u t-tielet ghax Malta se żżomm Kummissarju fil-Kummissjoni Ewropea bħal Stati Membri oħra li huma ħafna akbar minnha.

Lawrence Gonzi qal li għalina, il-Maltin, it-trattat mhux biss se jagħmel l-Unjoni Ewropea aktar effettiva iżda se jsaħħaħ il-vuċi Maltija fi ħdan sistema aktar effettiva, jiġifieri jaqblilna doppjament, jaqbel liċ-ċittadin Malti. Il-Prim Ministru kompla li dan it-trattat ikompli jsaħħaħ l-istabbiltà, l-integrità u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea.

Aktar kmieni matul il-jum tkellem ukoll il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin Tonio Borg li tkellem dwar kif it-Trattat ta' Lisbona għandu jissimplifika l-mod kif taħdem l-Unjoni Ewropea billi jnaqqas il-burokrazija. Dan fid-dawl tal-fatt li numru ta' proċessi, bħall-bdil tal-Presidenza kull sitt xhur, joħolqu ċerta konfużjoni.

Tonio Borg qal li hu favur li jissaħħaħ il-Parlament Ewropew, iżda jekk dan jibqa' jieħu d-deċiżjonijiet b'konġunzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, fejn Malta hi rappreżentata daqs kull pajjiż membru ieħor.

Il-Viċi Prim Ministru qal li t-Trattat ta' Lisbona se jagħmilha iktar faċli biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadin u biex l-Unjoni Ewropea tkun iktar kapaċi tassorbi membri ġodda.